MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2004

Numru. 270/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**- vs -**

**KEVIN FARRUGIA**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Kevin Farrugia bin Felic u Nazzarena nee Camilleri imwieled fil-21 ta' Gunju 1982 u residenti 'Willie Farm', Misrah Suffara, Rabat, Malta (Karta ta' l-Identita` Nru 340182 M) gie imressaq quddiemha akkuzat talli fil-15 t' April 2004 ghall-habta tas-7.00p.m. waqt li kien fl-inhawi maghrufa bhala "Taht is-Srug" limiti tax-Xaghra, Ghawdex, ikkaccja jew ipprova jikkaccja bughadam ahmar, ghasfur li huwa mhares b'mod specjali that skeda

VII skond subregolament (9) tar-regolamenti 2A (A.L. 146 ta' 1993 u A.L. 222 ta' 2003);

Il-Qorti kienet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tikkonfiska l-oggetti esebiti.

Semghet il-provi tal-prosekuzzjoni u cioe` lil PS 1040, PC 1506 u lill-imputat jixhed minn jeddu;

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikoli 9, 2A ta' l-Avviz Legali 146/1993 u l-Avviz Legali 222/2003);

Illi mill-provi prodotti l-akkuza tinsab pruvata;

Il-Qorti ssibu hati taghha u tikkundannah ghall-multa ta' hamsin lira Maltin (Lm50);

Oltre dan tordna l-konfiska ta' l-oggetti esebiti f'dawn l-atti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------